# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2020**

## Talba numru 117/2019SFJ

***Allcare Insurance Limited (C58360) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha l-Korporazzjoni Enemalta sia bil-polza u sia bil-liġi u l-istess Korporazzjoni Enemalta u b'nota tat-22 ta' Ottubru 2015 l-atti ġew assunti mis-soċjetà Mapfre Middlesea plc***

***vs.***

***David Ellul u Malcolm Ellul***

**It-Tribunal:**

Ra d-deċiżjoni tal-Arbitru fl-atti tal-Arbitraġġ Mandatorju numru M4033/2014 fl-ismijiet premessi datata 27 ta' Frar 2019 li permezz tagħha, l-Arbitru, *ai termini* tal-Art. 741(b) u 741(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordna li l-atti jiġu trażmessi u trasferiti lir-Reġistratur tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar stante li l-materja in diżamina kienet tirrientra fil-kompetenza tal-istess Tribunal kemm *ratione materiae* kif ukoll *ratione valoris*.

Ra n-nota tar-Reġistratur taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ li permezz tagħha ġie ppreżentat l-inkartament oriġinali tal-każ quddiem dan it-Tribunal.

Ra li kif jidher mid-deċiżjoni tal-Arbitru kif ukoll mill-inkartament tal-arbitraġġ, ir-rikorrenti f'dan il-każ kienu talbu li l-intimati jiġu ddikjarati ħatja ta' sinistru stradali li seħħ nhar il-15 ta' Ottubru 2013 fil-Marsa meta żiemel proprjetà tal-intimati jew fil-pussess tagħhom ikkaġuna ħsarat fuq il-vettura ENE245 li kienet proprjetà tal-Korporazzjoni Enemalta u dakinhar misjuqa minn Mark Anthony Bonello. L-ammont ta' danni reklamati kien ta' erbat elef u tmien mija u sebgħa u tletin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€4,837.83).

Jidher ukoll mid-deċiżjoni tal-Arbitru kif ukoll mill-inkartament tal-arbitraġġ li permezz ta' risposta ppreżentata fl-atti tal-arbitraġġ fis-26 ta' Ġunju 2014, il-konvenuti eċċepew li ma kinux responsabbli għall-inċident relattiv stante li ż-żiemel kien ħareġ mir-reċint tal-*Malta Racing Club* u għalhekk l-istess *Malta Racing Club* kellha tkun imsejħa fil-kawża.

Ra li quddiem dan it-Tribunal, inżammu għaxar seduti (inkluża s-seduta tal-ewwel dehra tal-24 ta' Ġunju 2019 u s-seduta tal-għotja tas-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2020) li minnhom, is-seduta tal-15 ta' April 2020 mhux ser tingħadd stante li f'dak iż-żmien, il-Qrati Maltin kienu magħluqin stante l-pandemija tal-marda infettiva *COVID-19*. Il-konvenuti u l-avukat tagħhom ma dehru għal ebda seduta għad li kienu ġew innotifikati fl-10 ta' Lulju 2019 (ara l-verbal tat-18 ta' Lulju 2019).

Sema' l-provi u ra li l-kawża tħalliet għall-5 ta' Ottubru 2020 għas-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Din il-kawża ġiet quddiem dan it-Tribunal *ai termini* tal-Art. 741 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara li l-arbitru li kien qiegħed jippresjedi l-Arbitraġġ Mandatorju M4033/2014 fl-ismijiet premessi ddikjara li dawn il-proċeduri ma kellhomx jinstemgħu permezz ta' arbitraġġ iżda quddiem dan it-Tribunal.

Kif diġà ngħad, dan it-Tribunal iffissa għaxar seduti (li minnhom effettivament saru disa' seduti). Matul is-seduti relattivi, ir-rikorrenti ippreżentaw il-provi kollha li riedu jippreżentaw. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti, għalkemm ġew innotifikati nhar l-10 ta' Lulju 2019 (ara fol. 143 *et seq.*) ma dehru għal ebda seduta, ma ppreżentaw ebda dokument fl-atti tal-kawża u ma ressqu ebda xhud. Għalhekk, ċertament ma jistax jingħad li huma ppruvaw il-kontenut tar-risposta tagħhom tas-26 ta' Ġunju 2014 (meta dawn il-proċeduri kienu għadhom fil-forma ta' arbitraġġ) jew li b'xi mod ikkontradixxew il-provi mressqa mir-rikorrenti.

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2019 xehdet l-Ispettur Sarah Magri. Hija ġiet mitluba tixhed dwar x'kien ġara fil-15 ta' Ottubru 2013. Magri spjegat li mill-investigazzjonijiet tagħha kien irriżulta li David Ellul kien is-sid ta' żiemel li kien sfratta, ħareġ mill-korsa taż-żwiemel u qabad Triq Aldo Moro fil-Marsa. Hija kompliet tgħid li kien hemm vettura tal-Korporazzjoni Enemalta li "*ġarrbet ħsarat mhux ħażin*". Magri qalet li David Ellul kien qalilha li huwa kien lest jagħmel tajjeb għall-ħsarat kollha relattivi, jiġifieri l-ħsarat fuq il-vettura tal-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll il-ħsarat fuq vettura oħra proprjetà ta' persuna oħra.

Dwar id-dikjarazzjoni, Magri xehdet li dak id-dokument kien miżmum fl-Għassa tal-Ħamrun u li l-maġistrat tal-għassa dakinhar, il-Maġistrat (illum imħallef) Dr Aaron Bugeja, kien qalilha li ma kinitx ser issir inkjesta. Mistoqsija kif saret taf li ż-żiemel kien sfratta, Magri qalet li kien Malcolm Ellul (li dak iż-żmien kien minorenni) li qal dan, għalkemm hija mbagħad kellmet lil missieru, jiġifieri David Ellul.

Fl-udjenza tad-9 ta' Diċembru 2019 xehed John Lentini, *claims handler* fi ħdan Mapfre Middlesea plc. Huwa qal li l-vettura ENE245 kienet assigurata mal-Mapfre Middlesea plc u li kienu saru xi tiswijiet fuq il-vettura. Lentini qal li skont il-prospett li kien qiegħed jippreżenta, l-ammont relattiv kien dak ta' €4,637.73 oltre *excess* ta' mitt Ewro (€100.00).

Fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2020 xehed John Borg Bellanti, irtirat, li qal li fl-2013 kien *motor surveyor*. Huwa għaraf is-*survey report* li kien ipprepara huwa stess fil-passat u qal li seta' jikkonferma l-kontenut tiegħu. Inoltre, qal li skont ir-rapport tiegħu, l-*estimated cost* tal-*parts* kien €4,211.03 u irrakkommanda li kien hemm tnax-il ġurnata tax-xogħol (twelve working days) bħala *loss of use*. Huwa żied jgħid li l-*parts* ordnati kienu kollha ġodda iżda ma setax jiftakar jekk ordnahomx huwa stess personalment stante li deherlu li f'dak iż-żmien l-Allcare Insurance Limited kienet tieħu ħsieb tordna l-*parts* hija stess.

Fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020 xehed Mark Anthony Bonello. Huwa qal li fiż-żmien in kwistjoni, huwa kien *foreman* fi ħdan il-Korporazzjoni Enemalta assenjat fid-distrett ta' Birkirkara. Skont Bonello, f'xi s-sitta u kwart ta' filgħodu, meta kien għadu d-dlam, kien sejjer l-uffiċċju kmieni sabiex jevita t-traffiku. Hekk kif wasal fi Triq Aldo Moro (hekk kif kien qiegħed isuq mid-dar tiegħu f'Ħal Tarxien lejn l-uffiċċju tiegħu), ra żiemel ġej fuqu. Huwa pprova jevitah billi jaqleb fuq il-*bus lane* iżda kien għalxejn, għax iż-żiemel baqa'

ġej "*bil-galopp*" u kien qiegħed jiġri. Iż-żiemel ukoll qaleb il-*lane* u ħabat mal-vettura. F'dak il-ħin, iż-żiemel kellu karru miegħu iżda ma kellu ebda sewwieq. Ix-xhud ġie muri r-rapport tal-Pulizija (fol. 160) u kkonferma li dan ir-rapport kien korrett.

It-Tribunal josserva li l-verżjoni tar-rikorrenti ġiet pjenament ippruvata mix-xhieda u mid-dokumentazzjoni ippreżentata. Min-naħa l-oħra, l-intimati ma dehru għal ebda seduta u ma ressqu ebda xhud jew dokument sabiex isostnu r-Risposta li kienet ġiet ippreżentata fl-26 ta' Ġunju 2014. Huwa ċarissimu li l-konvenuti naqsu li jaġixxu sabiex jirribattu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

It-Tribunal josserva li filwaqt li l-att promotur ippreżentat fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ (fol 117 *et seq.*) jindika li d-danni li għandhom jiġu illikwidati huma ta' €4,837.73 li minnhom €4,737.73 jirrappreżentaw danni attwali u r-rimanenti €100.00 jirrappreżentaw l-*excess* imħallas mill-assigurata, jirriżulta mix-xhieda tax-xhud John Lentini, *claims handler* fi ħdan Mapfre Middlesea plc, li fil-fatt, id-danni totali huma €4,637.73 li meta jiżdied magħhom l-*excess*, l-ammont jitla' għal €4,737.73. It-Tribunal għalhekk josserva li t-talbiet tar-rikorrenti jinsabu ppruvati biss sal-ammont ta' €4,737.73.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u jiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli għaż-żiemel u b'konsegwenza, għad-danni li ġew ikkaġunati fuq il-vettura ENE245;

ii. Jilqa' t-tieni talba limitatament u jillikwida l-ammont ta' erbat elef u seba' mija u sebgħa u tletin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€4,737.73);

iii. Jordna li l-konvenuti jħallsu l-ammont hawn fuq illikwidat fil-proporzjon ta' mitt Ewro (€100.00) lill-Korporazzjoni Enemalta u l-bqija lil Mapfre Middlesea plc u dawn bl-imgħaxijiet kif mitluba fl-att promotur quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ (fol. 117 tal-proċess); u

iv. Jordna li l-konvenuti jħallsu wkoll l-ispejjeż relattivament għall-ittra uffiċjali 1490/2014 (ara fol. 138 tal-proċess).

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**